MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Talba Numru. 434/2011

**Charles Gauci ID 323758M**
**bhala direttur ta' Calbros Batroom Centre Ltd**

**vs**

**Joseph Abdilla ID226482M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ Charles Gauci, bhala Direttur ta' Calbros Bathroom Centre Ltd qed titlob minghand il-Konvenut elfejn, erba mija, erbgha u ghoxrin Ewro tmienja u disghin centezmi (€2,424.98c) (jew somma verjuri) danni kagunati minn dan fuq Isuzu Trooper Estate nru CHA 402.

Fir-RISPOSTA ntqal hekk:-

1. It-TALBA ghandha tigi respinta ghax ma gew kagunati ebda danni.
2. Bla pregudizzju, tehtieg prova skond art 252 tal-Kap 12 u art 558 u 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi hu l-Attur li ghandu xi jhallas lill-Intimat u ghalhekk qed issir talba skond art 176 tal-Kap 12.

Hawn tressqet KONTRO-TALBA formulata hekk:-

1. Ghandu jigi dikjarat li fil-konfront ta’ Charles Gauci, bhala Direttur ta’ Calbros Bathroom Centre Ltd, Joseph Abdilla hu kreditur fis-somma ta’ €2669 ghal servizzi professjonali.
2. L-istess debitur ghandu jigi kundannat ihallas dan l-ammont lil Joseph Abdilla.

Bl-ispejjes kif imfissra.

Fir-RISPOSTA ghall-KONTRO-TALBA jinghad:-

Dak mitlub fil-Kontro-Talba mhux dovut ghax Joseph Abdilla ghamel xoghol mhux skond is-sengha u l-arti fil-vettura tal-Attur u anke kkaguna hsarat u danni fuqha.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet biss mill-provi li izda jitqiesu fuq kulma tressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fil-process.

2. <u>Charles Gauci</u> qal li l-Konvenut hu *panel beater* u *sprayer* u kien ilu jahdem ghandhom (iktar ma huh David Abdilla) ghal zmien twil. Pero x-xoghol mertu tal-karozza sar mill-Konvenut u ma dan tkellem waqt li kien qed isir ix-xoghol.

3. Spjega li parti mit-tiswija kellha tigi koperta mill-Assikurazzjoni. Il-Van dahal ghand il-Konvenut suppost ghal xahar f’Awwissu 2010 izda x-xoghol tlesta f’Ottubru 2010. Hallas meta ha l-Van u (ara Dok GC *a fol* 32) meta mar id-dar ralu difetti li eventwalment huma elenkati fir-Rapport esibit mal-Avviz, *a fol* 2. Meta kkuntattja lill-Konventu laqghu hazin u ghalhekk kellem lis-*surveyor* Philip Zammit u spiccaw bil-kawza prezenti.

4. In kontro-ezami (ara *fol* 60) spjega fejn kellha tiehu hsieb il-kumpanija assikuratrici dwar daqqa fuq quddiem u billi ried li lill-vettura iduruhielu ghal dan kellu jaghmel tajjeb hu. Ma ftehimx prezz.

5. <u>Philip Zammit</u>, qal li hu *motor surveyor* u jahdem bhala espert tal-Qorti. Lill-Attur kien jafu u f’Ottubru 2010 qabbdu jezamina l-Van in kwistjoni u wara li ezaminah irrediga r-Rapport esebit. F’dan ir-rigward ta’ dettalji bi spjegazzjoni ulterjuri ghal dak imnizzel b’certu dettal fir-Rapport, munit b’ritratti. Ir-Rapport *a fol* 2 hemm kopja ohra tieghu *a fol* 37 *et seq* bhala Dok PZ din id-darba ir-ritratti huma bil-kulur.

6. Dax-xhud raga xehed ulterjorment u esibixxa bhala Dok RG1-18 *printout* gdida tar-ritratti ga esibiti u aktar kif ukoll *cd* bhala Dok RG19. Hawn raga ta’ aktar dettalji dwar difetti riskontrati. Qal li meta l-Attur avvicinah ma qallux min

kien ghamel ix-xoghol. Meta fil-5 ta' Dicembru 2013 spjega li dak in-nhar kellu problemi fil-vista izda meta sari r-Rapport fl-2010 ma kellu xejn minn dan.

7. Il-Konvenut qal li hu propjetarju ta' Gulio's Garage flimkien ma huh David. L-Attur kien klijent taghhom ghal 15-il sena. Ix-xoghol fil-van ried isir f'Awwissu waqt ix-*shutdown* tal-Attur. Fl-20 ta' Lulju kien sar survey, minn GasanMamo, permezz tas-*surveyor* Philip Attard u dan dwar dak li kienet ser tidhol ghalih l-Assikurazzjoni. L-*invoice* li kellha x'taqsam ma din il-kumpanija assikuratrici baghtuha lilha u hallset u l-*invoice* l-ohra tawha lill-Attur. Meta l-Attur gabar il-car din kienet fit-triq. Dwar il-kont taghhom cemplulu sew hu u sew huh David u fl-ahhar qabdu dan.

8. David Abdilla qal li hu jiehu hsieb l-*accounts*. Huma ghandhom bilanc dovut fuq zewg vetturi ohra li l-Attur talbu jitfaghhom fuq it-Trooper. Spicca jixhed hekk:-

*B'hekk l-ammont fuq it-Trooper minn 1787 intellaw ghal 2386. Jiena ghalija peress illi l-figuri essenzjalment baqghu l-istess. Jien ma kontx interessatx fuq liema vettura jidhri l-aqwa li t-total baqgha l-istess. Peress li kien hemm bzonn spray u polish fl-Isuzu jiena tajtilu lura l-vettura nadifa hadha nadifa. Ghandi nassumi li hu spezzjona l-istess vettura qabel ma hadha, ahna sal-lum ghadna ma thallasniex minghand l-attur. Jiena cempiltlu biex nithallas imma meta cempiltlu kien qalli li f'mument minnhom li kien hemm xi affarijiet li kellhom jergghu isiru li ma kienux sew imma kont ghidtlu biex jigi halli nara naqra x-xoghol ha naraw x'nistghu naghmlu. Jien cempiltlu diversi darbiet izda qatt ma rega gie. L-ahhar li cempitlu kien qalli bis-sahha li mhux se jhallas u dan kien Dicembru 2010 ghax qal li x-xoghol mhux tajjeb. Hu qatt ma rega gie jien kont lest li nirranga jekk kien hemm xi haga x'tittranga imma hu qatt ma gie. Ahna bhal Giulio's Garage mhux individwalment.*

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jigi notat li fl-ahhar tax-xhieda tieghu David Abdilla, hu l-Konvenut qal, fir-rigward taz-zewgt ahwa: ahna bhala Giulio's Garage u mhux individwalment. Jimplika x'jimplika dan, darba li mhemmx xi eccezzjoni fir-rigward it-TRIBUNAL iqis, fuq skorta tad-diskors li sar meta nghata x-xoghol mill-Attur, li dan harrek korrettament lill-Konvenut odjern, Joseph Abdilla.

2. Punt iehor hu dan: hawn si tratta ta' tiswija li jinghad li saret hazin. F'kaz bhal dan hu normali li jkun hemm evidenza teknika u fir-rigward l-attur ipproduca r-Rapport ta' Philip Zammit bhala espert "ex parte" kif kellu dritt jaghmel. Dan l-espert semma li hu jigi mqabbad mill-Qorti ghal xoghol bhal dan. Jidher li fl-

21 ta' Marzu 2013 id-difensur tal-konvenut talbet il-hatra ta' perit. Din sabet l-oggezzjoni tad-difensur tal-Attur stante li kienu ghaddew tliet snin minn meta saret it-tiswija. It-TRIBUNAL qal li kien ser jiddeciedi wara li jkun kontro-ezaminat Philip Zammit. Dan sar izda t-talba ma saret ebda insistenza fuqha. Ghalhekk it-TRIBUNAL ghandu quddiemi Rapport *ex parte* u jridu jqisu hekk – xhud tekniku mressaq minn parti.

3. Ir-rapport ta' Philip Zammit jidher wiehed akkurat. Dan ezamina l-vettura l-ghada li ttiehdet minghand il-Konvenut. Jigifieri ma sata jsir xejn fl-interval hekk qasir bejn irtirar tal-vettura u r-rapport u dana meta tqis fiex jikkonsisti l-ilment.

4. Dan hu kaz fejn it-TRIBUNAL ihoss li ghandu jkun gwidat minn principji ta' ekwita'. *Ex admissis,* David Abdilla tefa kont bilancjali ta' zewg vetturi ohra fuq it-Trooper mertu tal-kawza ghax qal li ghalih kien l-istess. L-istess u mhux. Zgur li mhiex serjeta'.

5. It-TRIBUNAL hu rrinfaccjat b'dan:

   a) David Abdilla qal li l-kont fuq it-Trooper zied mieghu kontijiet ohra b'mod li minn €1787 sar €2386 – bla ma merieh hadd.

   b) L-attir fl-AVVIZ qed jitlob €2424 <u>jew somma verjuri</u>.

   c) L-Attur qal li t-Toyota Aygo mhiex propjeta' tieghu izda t'ibnu u Toyota Hiace jaf li kellu pendenza fuqha.

   d) Ma saret ebda talba ghal xi tpacija.

   e) L-ammont mitlub fil-kontro-talba ma tressaq xejn dwaru.

IV DECIZJONI

Fic-cirkostanzi u mehud kont ta dak li rrizulta quddiemu, it-TRIBUNAL **<u>jiddeciedi</u>** billi (1) **<u>jilqa</u>** l-eccezzjonijiet dwar il-kontro-talba u (2) **<u>jichad</u>** l-istess kontro-talba, (3) **<u>jilqa</u>** t-Talba Attrici fil-quantum biss ta' hames mitt Ewro €500 (4) **<u>jilqa</u>** l-eccezzjonijiet ghat-Talba limitatament biss u in kwantu kompatibbli ma dak accettat u deciz dwar Talba (5) **<u>jikkundanna</u>** lill-Konventu ihallas lill-Attur il-*quantum* imsemmi ta' €500 fi zmien tletin jum mil-lum b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (6) **<u>jordna</u>** li l-ispejjes tal-kawza u tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------